



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15838/22
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0412(NLE)

AELE 45
EEE 42
N 72
ISL 36
FL 32
MI 924
EF 371
ECOFIN 1301

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 706 final
Suġġett:	ANNESS għal Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE (Depożitarju Ċentrali tat-Titoli - il-Liechtenstein)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 706 final.

Mehmuż: COM(2022) 706 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.12.2022
COM(2022) 706 final

ANNEX

ANNEX

għal

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE**

(Depożitarju Ċentrali tat-Titoli - il-Liechtenstein)

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012¹ ġie inkorporat fil-Ftehim ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2019 tat-8 ta' Frar 2019² u huwa msemmi fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE.
- (2) Il-kundizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi fiż-Żona Ekonomika Ewropea minn depożitorji ċentrali tat-titoli (central securities depositories, CSDs) stabbiliti f'pajjiż terz huma rregolati mill-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.
- (3) L-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jagħti lil-Liechtenstein deroga li tippermetti lil CSDs ta' pajjiżi terzi li diġà jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein biex ikomplu jipprovdu tali servizzi sa ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2019 tat-8 ta' Frar 2019.
- (4) Jenħtieġ li l-adattament (c) jiġi emendat fis-sens li CSDs ta' pajjiżi terzi li diġà jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein jitħallew ikomplu jipprovdu tali servizzi għal perjodu li ma jaqbiżx is-seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Madankollu, jekk l-Artikoli 25 jew 69 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jiġu emendati matul dak il-perjodu ta' żmien, jenħtieġ li l-adattament (c) jiġi rivedut skont dan.
- (5) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jinbidel b'dan li ġej:

¹ ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1.

² ĠU L 60, 28.2.2019, p. 31.

“Il-Liechtenstein jista' jħalli lil CSDs ta' pajjiż terz li diġà jipprovdu servizzi msemija fl-Artikolu 25(2) lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein, ikomplu jipprovdu s-servizzi msemija fl-Artikolu 25(2) għal perjodu li ma jaqbiżx seba' (7) snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ... [din id-deċiżjoni].”

Artikolu 2

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jirrevedu l-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX meta jinkorporaw fil-Ftehim ŻEE kwalunkwe att li jemenda jew jissostitwixxi l-Artikolu 25 jew l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]